*Habta;Griehi;Debilita permanenti;Danni*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' April, 2018**

**Numru 9**

**Rikors Numru 1159/07TA**

**Catherine Mifsud**

**vs**

**Josef Vella u b'degriet tat-13 ta' Marzu 2009 dahlet fil-kawza l-kumpanija Middlesea Insurance p.l.c "in statu et terminis" u b'digriet tal-5 ta' Dicembru, 2017 il-Qorti awtorizzat il-bidla fl-isem tal-kumpanija Middlesea Insurance p.l.c ghal Mapfre Middlesea p.l.c**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Attrici pprezentat u mahluf minnha stess fis-7 ta' Novembru 2007 li permezz tieghu talbet is-segwenti:-

"1. Illi l-istanti, Catherine Mifsud, kienet tinsab passiggiera fil-vettura, misjuqa minn missierha, Carmelo Mifsud, ta' ghamla *Skoda* bin-numru ta' registrazzjoni JAS-123, fi Triq Manwel Dimech gewwa Hal Qormi, fis-7 ta' Awissu, 2006 fejn sehh incident stradali;

2. Illi dan l-incident sehh meta l-konvenut, Josef Vella, li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla *Isuzu Elf* bin-numru ta' registrazzjoni CBN-426, minghajr ma ha d-dovuti kawteli stradali u ghall-vetturi ohra, baqa' diehel fuq wara fil-vettura tal-istess istanti li kienet tinsab stazzjonarja fit-traffiku, u bhala konsegwenza kkawza l-imsemmi skontru stradali bejn l-indikati vetturi;

3. Illi dan l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-konvenut illi baqa' diehel fuq wara fil-vettura tal-istanti li kienet tinsab stazzjonarja u wieqfa fit-traffiku;

4. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali l-attrici sfat imwegga gravament u ser tibqa' permanentement debilitata, u dan oltre d-danni materjali u ta' natura patrimonjali minnha wkoll sofferti;

5. Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati kif imfisser;

6. Illi l-istanti b'ebda mod ma kienet responsabbli ghall-incident stradali msemmi;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenut prezentata u mahlufa minnu stess fid-19 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

"1. Illi l-kawza tal-attrici hija kollha vessatorja u ghaldaqstant l-intimat jirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti, illi huma kollha esagerati, infattwali u prevja ebda sens ta' verita.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u dan ghaliex ma kien hemm l-ebda imperizja, negligenza, imprudenza jew inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess.

3. Illi r-rapport mediku li sar minn Dr. A. Galea Debono huwa *ex parte* u din il-Qorti ghandha tkun taf li l-istess ilu jaf lis-Sinjorina Catherine Mifsud ghal zmien wil, ghax ilu jiehu hsieb lil ohtha, u ghaldaqstant ir-rapport mediku ghandu jsir minn esperti indipendenti appuntati mill-Qorti.

4. Illi kif jidher, l-incident kien wiehed zghir hafna, li kien jinvolvi sempliciment kollizjoni ta' 'bumper to bumper' u l-ebda karozza involuta fl-incident ma garbet hsarat estensivi.

5. Illi l-esponenti jikkontesta li l-attrici wegghat serjament, kif ser jirrizulta mill-provi.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi fir-rigward tad-damnum emergens, irid jigi pruvat illi l-ispejjez illi saru kienu tassew necessarji u inevitabbli u saru b'konsegwenza diretta tal-incident in kwistjoni.

7. Illi fir-rigward tal-*lucrum cessans*, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li l-attrici, kif hemm iddikjarat *ex admissis* minnha stess, tista' tahdem biss fuq bazi 'part-time' u dan ghaliex trid tiehu hsieb ohtha b'dizabilita`, u ghalhekk dan ma huwiex dovut ghal xi impediment fiziku li jwaqqaf lill-attrici milli tkompli bix-xoghol taghha.

Ghaldaqstant, l-intimat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li ma huwiex responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi Triq Manwel Dimech, gewwa Hal Qormi, fis-7 ta' Awissu, 2006 u li ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-attrici ghandhom jigu michuda, a spejjez taghha."

Rat id-digriet moghti fit-13 ta' Marzu 2009 permezz ta' liema il-Qorti awtorizzat lis-socjetá Middle Sea Insurance Plc, illum Mapfre Middlesea plc li tintervjeni f'din il-kawza in statu et terminis.

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` mhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Dawn il-proceduri huma rizultat ta' habta 'bumper-to-bumper' bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAS 123 misjuqa minn missier l-Attrici Carmelo Mifsud u l-vettura l-ohra, bin-numru ta' registrazzjoni CBN-426 misjuqa mill-Konvenut li kienet gejja minn wara. L-Attrici kienet passiggiera misjuqa minn missierha. Il-habta sehhet fis-7 ta' Awwissu 2006 fi Triq Manwel Dimech, Hal Qormi.

**2.** Jirrizulta, li dak inhar stess tal-incident, l-Attrici u missierha marru l-isptar fejn gew iccertifikati li qed ibghatu minn griehi ta' natura "slight save complications" (ara Patients Certification Form a` fol 84 u 85).

**3.** Mix-xhieda ta' PS 160 Mario Mifsud jirrisulta li dan ghamel kuntatt mal-Attrici u missierha fil-15 ta' Marzu 2007 (ara xhieda a` fol 153) u pproducewlu certifikati medici ffirmati minn Dr. Agius u Dr. Galea Debono. L-Attrici u missierha gew dikjarati li qed isofru minn griehi gravi, b'konsegwenza tal-incident in kwistjoni.

**4.** Jirrisulta wkoll li ttiehdu proceduri kriminali kontra l-Konvenut. Permezz ta' Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Jannar 2008, il-Konvenut instab hati "talli fis-7 ta' Awissu 2006, ghall-habta tad-9:15 a.m., fi Triq Manuel Dimech, Qormi, saq vettura Nru. CBN 426 u

b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuni ta' Carmelo Mifsud u Catherine Mifsud skont kif iccertifikaw Dr. R. Agius M.D. ta' S.L.H u Dr. A. Galea Debono M.D." (a` fol 148 ).

**5.** Skont is-surgent li hejja r-rapport, l-iskizz li ghamel huwa 'to scale' (ara xhieda a` fol 305). Izda meta l-Qorti fliet dan ir-rapport fehmet li l-iscale huwa 1:100 u mhux 1:1. Kieku ma kienx hekk, l-iskizz kien ikun ferm ikbar. Mill-iskizz ghalhekk jirrizulta, li l-"brakemarks" huma tul ta' circa 8 centimetri. Dan ifisser, li dawn kellhom qies reali ta' circa 8 metri. Mit-tul tal-"brake marks" jirrizulta, dejjem skont it-tabella murija f'pagna 69 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq, li l-Konvenut kien ghalhekk qed isuq b'velocita` ta' circa 45km/h.

**Punti ta' Liġi**

**6.** L-artikoli tal-ligi, applikabbli ghall-kaz odjern huma 1031 u 1032(1) tal-Kodici Civili. Skont dawn id-disposizzjonijiet, "*Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*" u li *"Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."* Il-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq jikkumplimenta l-istess ligi billi jipprovdi sett ta' regolamenti li jispecifikaw fhiex ghandha tikkonsisti dik il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja li ghandhom jassumu l-pedoni (*pedestrians*), ciklisti u s-sewwieqa ta' diversi tipi ta'

vetturi. Ghalkemm tali regolamenti jservu biss bhala linji gwida u strettament ma ghandhomx sahha ta' ligi, xorta gew ripetutament mehuda in konsiderazzjoni mill-Qrati u l-gurisprudenza taghna sabiex jaslu ghar-responsabbilita`.

**7.** Fil-kaz odjern, li l-Konvenut kien tenut kellu jsegwi dak li jiddisponi r-regolament 279 tal-Kodici msemmi. Dan jiddisponi hekk:

**279.** Inti ghandek:

- thalli spazju bizzejjed bejnek u l-vettura ta' quddiemek halli tkun tista' tieqaf bla periklu jekk tnaqqas mill-velocità jew twaqqaf. Ir-regola ta' sigurtà hija li qatt m'ghandek tavvicina eqreb minn distanza generali biex tieqaf (Ara Distanza biex Tieqaf – Skema fuq pagna 67).
- halli ta' l-anqas distanza ta' zewg sekondi bejnek u bejn il-vettura ta' quddiemek f'toroq fejn it-traffiku jghaddi jgerri [ara wkoll f'dan is-sens ir-regolament numru 219 tal-istess Kodici]. Id-distanza ghandha tkun ta' l-anqas irduppjata fuq toroq imxarrba u mizjuda aktar f'toroq bit-tajn.
- Ftakar, vetturi kbar u *motorcycles* jehtiegu distanza akbar biex jieqfu.

**8.** L-artikolu 1045 tal-Kodici Civili jirregola l-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha u jaqsam l-istess f'zewg aspetti: it-telf attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegh futur (lucrum

cessans). Specifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib*." Is-somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi permezz tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodici Civili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili., Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacità. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja*." (**Paul Debono vs Malta Drydocks**, **Qorti Civili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**)

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**9.** Fid-dawl tal-fatti fuq imsemmija u tal-principji legali involuti, il-Qorti ser l-ewwel titratta l-kwistjoni ta' responsabilita` u wara dik tal-hsara u danni subiti.

*Responsabbilita'*

**10.** Ghalkemm l-intimat eccepixxa li ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni (ara t-tieni eccezzjoni a` fol 70), waqt il-proceduri qatt ma tqajmet kontestazzjoni li l-Konvenut jahti unikament ghall-incident de quo. Mill-ispjega tal-Konvenut stess fix-xhieda tieghu ta' kif sehh l-incident u kif ukoll mill-verzjoni moghtija minnu fir-rapport tal-Pulizija (ara a` fol 226 u a` fol 14), jirrizulta b'mod evidenti, li l-Konvenut ma segwiex dik il-prudenza u d-diligenza mistennija minnu kif stabbilita fir-regolament 279 tal-Kodici msemmi.

**11.** Li l-Konvenut huwa unikament responsabbli tal-incident, hija konkluzjoni wahdanija li jidher li gibdu l-partijiet kollha fil-kawza. Dan johrog ukoll b'mod esplicitu mill-fatt, li l-provi kollha migjuba huma ffukati u mmirati li jolqtu biss il-quantum tad-danni u r-rata ta' dizabbilitá tal-Attrici u mhux fuq ir-responsabilitá tal-incident. Ghalhekk il-Qorti, ma tantx ghandha xi tghid dwar min huwa responsabbli ghall-incident u sejra tghaddi biex tikkunsidra x-xorta tad-danni li qed jigu reklamati mill-Attrici.

*Hsara u danni subiti mill-Attrici*

<u>Telf ta' qliegh futur</u>

**12.** L-Attrici twieldet fis-27 ta' Awwissu 1969 (ara formoli tat-taxxa a` fol 16, 243 u 253). Ghalhekk meta sehh l-incident, l-Attrici kellha 37

sena. Skont dikjarazzjoni ta’ Dr. Galea Debono (a` fol 20), l-Attrici tahdem ‘part-time’ ghaliex tiehu hsieb ohtha li tbati minn dizabbilitá. L-Attrici fil-mument tal-incident kienet tahdem bhala ‘hair-dresser’ (ara affidavit tal-Attrici a` fol 76).

**13.** L-Attrici prezentat rapport mediku ex-parte redatt minn Dr. Galea Debono (a` fol 7). Mir-rapport jirrizulta, li Dr. Galea Debono ssottometta lill-Attrici ghal zewg MRI *scans,* fit-30 ta’ Ottubru 2006 u fit-12 ta’ April 2007. Mir-rizultat ta’ dawn l-i*scans*, dan it-tabib ikkonkluda, li b’konsegwenza ta’ dan l-incident, l-Attrici kienet qed tbati minn dizabilitá permanenti ta’ 18%. Garrbet ‘whiplash injury’ li kkawzalha caqlieq fl-irkiekel ta’ ghonqha b’tali mod li ffurmat *slip disc* fil-vertibra ta’ ghonqha (ara wkoll l-ispjega ta’ Dr. Ellul fix-xhieda tieghu a` fol 326 u 328). Fuq talba tal-Konvenut, giet mahtura Dr. Josanne Aquilina. Din ikkonkludiet li l-Attrici qed tbati minn dizabilitá permanenti ta’ 17% (ara rapport mediku a` fol 277).

**14.** Fil-kors tal-Kawza, il-konvenut prova jqanqal dubju kemm tassew l-i*slip disc* inkwistjoni kienet unikament b’konsegwenza tal-incident. Dan id-dubju gie imqanqal mill-Konvenut fix-xhieda tieghu a` fol 226, fl-affidavit li hejja u kif ukoll fil-kontro-ezami tas-segretarja tal-imghallem tal-Konvenut fejn gie sottomess li l-Attrici ma wriet l-ebda sintomi ta’ ugiegh wara li sehh l-incident (ara a` fol 226, 219 u 269). Il-Konvenut ikompli jizra’ dan id-dubju permezz tad-domandi maghmula mill-Avukat

tieghu fl-eskussjoni tal-espert mediku mahtur mill-Qorti u kif ukoll fil-kontro-ezami tat-tobba ex-parte prodotti mill-Attrici.

**15.** B'dana kollu l-Konvenut naqas li jsostni dan id-dubju bil-produzzjoni ta' provi konkludenti rigwardanti l-kundizzjoni medika tal-Attrici pre-ezistenti ghall-incident. Minkejja li d-Direttur tal-isptar Mater Dei huwa indikat bhala xhud fir-Risposta Guramentata (a` fol 70) huwa ma hassx il-htiega li jressqu bhala xhud biex jesebixxi l-istorja medika tal-Attrici sabiex jigi determinat kemm kien ilu fuq l-Attrici dan l-*islip disc*.

**16.** Skont artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. Fil-kaz fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et deciza fis-26 ta` Settembru 2013 din il-Qort**i diversament preseduta qalet hekk:

*"… ... Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

*… ... Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP -*

*12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).”*

**17.** Il-Qorti ma tistax, fin-nuqqas ta’ evidenza rigwardanti l-kundizzjoni medika pre-ezistenti tal-Attrici qabel l-incident, tmur kontra l-konkluzjoni raggunta mill-esperti medici fir-rapporti taghhom u tiddetermina li l-*islip disc* ma huwiex b’rizultat tal-incident. Opinjoni daqstant teknika, tista’ biss tigi meghluba b’opinjoni ohra teknika, b’mod li taghmilha possibbli ghall-Qorti li tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet u opinjonijiet tal-esperti mahtura minnha stess, kif jippermettilha li taghmel l-artiklu 681 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**18.** Kif insenjaw il-Qrati, li ghalihom ghamlet referenza il-Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza **Brian Cachia et vs Marc Vella tat-12 ta' Jannar 2015**, huwa "*pacifikament assodat f'bosta decizjonijiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie deciz, izda, illi "dan ma jfisserx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine", Appell 29 ta' Mejju 1998). "Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali <u>sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.</u>" ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca." Appell 6 t'Ottubru 1999; "John Saliba –vs-Joseph Farrugia", Appell, 19 ta' Novembru 2001)*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**19.** Applikat dan l-insenjament ghall-kaz de quo, il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjoni tal-esperti medici, li l-*islip disc* huwa b'konsegwenza tal-incident. Din il-konkluzjoni hija partikolarment appoggjata mix-xhieda ta' Dr. Ellul fejn stqarr li huwa kien ilu t-tabib tal-Attrici u l-familja taghha ghal numru ta' snin qabel l-incident u ddikjara li

"*dawn it-tip ta' sintomi lil Miss Mifsud jiena qatt ma rajtha bihom qabel l-X-Ray, sewwa? Jigifieri ara kemm ilha taghmel hairdressing u kif qed tghidu "tghin lil ohtha", qatt ma rajtha b'dawn it-tip ta' sintomi jew qatt ma giet ghandi b'dawn it-tip ta' sintomi minhabba xi ugiegh fid-dirghajn, fl-ghonq jew fl-ispalla*" (a` fol 323).

**20.** L-impropabbilta' li l-Attrici setghet kienet tbati mill-*islip disc* qabel l-incident, gie wkoll sostnut mill-espert mediku mahtur mill-Qorti stess fil-kontro-ezami taghha. Di fatti, sprovvista kif kienet mill-file mediku tal-Attrici, ma setghetx tasal ghal xi xorta ta' konkluzjoni. Iddikjarat pero' ir-raritá ta' *slip disc* fl-etá li kellha l-Attrici dak inhar tal-incident. Ix-xhieda ta' din l-espert jimmerita li tkun riprodotta b'mod estensiv:

> "**Dr. Josanne Aquilina:** Mill-MRI jista' jirrizulta jekk hijiex injury ricenti jew antika?
>
> **Xhud – Dr. Joanna Aquilina:-** Le ma tistax tghid, ghax qed tkun definit. Jekk ma jkollokx MRI qabel.
>
> **Dr. Josanne Aquilina:** Taf jekk qatt kien hemm MRI's qabel?
>
> **Xhud – Dr. Joanna Aquilina:** Sa fejn naf jien ma kienx hemm qabel.
>
> **Dr. Josanne Aquilina:** Mill-informazzjoni li ghandek hija biss minn ghand is-sinjura jew?
>
> **Xhud – Dr. Joanna Aquilina:** Minghand is-sinjura ma jidhirlix li … ma kellix access ghal-file l-isptar. … …

**Dr. Josanne Aquilina:** It-tip ta’ injuries li jirrizultaw mill-MRI, bhala pesuna mhux medika assolutament, jista’ ikun illi gew ikkagunati b’mod iehor u mhux kagun ta’ l-accident?

**Xhud – Dr. Joanna Aquilina:** L-injuries li deheru fuq l-MRI huma l-problems disks, sewwa? Huma d-disks.  Bejn l-irkikel hemm it-tessut li nghidulu “disk” li johrog ‘il barra, u jkun qed jaghfas fuq is-sinsla wkoll jigifieri fuq in-nervituri.  Issa hemm hafna kagunijiet ta’ disk.  Wahda minnhom hija an injury.

**Dr. Josanne Aquilina:** Pero` jista’ jkun strain fuq id-dar, jistghu ikunu affarijiet ohra li jikkagunaw dawk l-injuries?

**Xhud - Dr. Joanna Aquilina:** Jistghu jkunu hafna affarijiet, anke jekk ikun hemm weekness inerenti tal-gogi; jigifieri hemm hafna affarijiet.  Jekk skossi, jew ...

**Dr. Josanne Aquilina:** Jigifieri ma tistax tghid mija fil-mija illi kien it-traffic accident in kwistjoni li kkaguna dawk il-krollazz li sar.

**Xhud - Dr. Joanna Aquilina:** Mija fil-mija qatt ma tista’ tkun cert fl-assenza tal-MRI qabel, pero normalment, f’eta zghira…; inti kemm ghandek zmien?

**Catherine Mifsud l-attrici:-** Thirty nine kelli.

**Xhud – Dr. Joanna Aquilina:-** Ta’ dik l-etá mhux soltu li jkun hemm disks li johorgu ghall-ebda raguni.

**Dr. Josanne Aquilina:** Inti ssemmi wkoll fir-rapport tieghek li hi tiehu hsieb lil ohtha li ghandha dizabbilitá gravi.

**Xhud – Dr. Joanna Aquilina:** Ehe.

**Dr. Josanne Aquilina:** Jista’ jkun illi l-istrain li tiehu hsieb lil ohtha kkagunaw dawn it-tip ....

**Xhud - Dr. Josanne Aquilina:** Ma nistax neskludiha.

**Dr. Josanne Aquilina:** Semmejt ukoll f’din ix-xhieda illi jista’ ikun li jkun hemm xi haga inerenti fl-ispine illi…

**Xhud – Dr. Joanna Aquilina:** Ehe ghax mhux kullhadd l-istess; hemm min ikollu..

**Dr. Josanne Aquilina:** Tista’ tasal ghal konkluzjoni mill-ezami li ghamilt jekk hi kienx .. tbatix minn din il-kondizzjoni jew le?

**Xhud – Dr. Joanna Aquilina:** Le le le, ghax dana..

**Dr. Josanne Aquilina:** Kieku kienet tkun dik l-area partikulari jigifieri.

**Xhud – Dr. Joanna Aquilina:** Ezatt ehe.

**Dr. Josanne Aquilina:** Ma tistax teskludiha lanqas pero`.

**Xhud – Dr. Joanna Aquilina:** Le.” (ara xhieda a` fol 314 sa 316)

**21.** Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser tqis li l-percentagg tad-dizabilita` permanenti ta’ 17% li waslet ghalih l-espert mediku huwa kollu rizultat tal-incident. Isegwi ghalhekk, li r-rata ta’ dizabbilita` ghandha tkun dik ta’ 17%.

**22.** Imiss ghalhekk issa li jkunu kalkolati d-danni li soffriet l-Attrici. Jirrizulta li l-Attrici pproduciet lill-*accountant* taghha bhala xhud, dan

ipprezenta s-segwenti *tax returns*. Fihom, l-Attrici kienet iddikjarat li qalghet is-segwenti ammonti:

| Sena bazi | Sena Stima | Ammont |
|---|---|---|
| 2003 | 2004 | €6,214 (LM2,668 - ara fol 343) |
| 2004 | 2005 | €6,487 (LM2,785 - ara fol 16 u 348) |
| 2005 | 2006 | €5,849 (LM2,511 - ara fol 353) |
| 2006 | 2007 | €4,060 (LM1,743 - ara fol 331) |
| 2007 | 2008 | €2,478 (LM1,064 - ara fol 336) |
| 2008 | 2009 | €2,743 (ara fol 358) |

**23.** Meta mqabbel mal-ammont ta' €5,849 li l-Attrici ddikjarat ghas-sena bazi 2005, jigi kkalkolat li fis-sena bazi 2006 (is-sena tal-incident), l-Attrici soffriet telf ta' qliegh fl-ammont ta' €1,709, fis-sena bazi 2007 soffriet telf ta' €3,371 u fis-sena bazi 2008 telf ta' €3,106. Meta ghalhek tittiehed medja tal-ahhar sentejn jitqies, li t-telf b'konsegwenza tal-incident fuq dak li ddikjarat l-Attrici, hi ghamlet telf ta' €3,238.50.

**24.** Il-Qorti ma setghetx ma tinnotax, li fix-xhieda taghha l-Attrici kienet pjuttost evaziva meta mitluba tispjega l-hinijiet li tahdem bhala *hair-dresser* paragonati mal-hinijiet li kienet tahdem qabel l-incident. L-Attrici baqghet ma tatx twegiba cara fuq kif gew tassew effettwati l-hinijiet tax-xoghol taghha minhabba l-incident (ara a` fol 190-194). Dan ihasseb lill-Qorti dwar kemm id-dhul dikjarat mill-*accountant* tal-Attrici

wara l-incident, huwa fil-fatt wiehed li jirrifletti r-rejalta`. Il-Qorti temmen li fic-cirkostanzi jkun iktar gust, li jitnaqqas terz mill-istess cifri, b'dan illi l-ammont li se jkun ikkunsidrat bhala introjtu annwu biex fuqu jinhadmu d-danni huwa ta' €2,159 (€3,238.50 ÷3 = €1,079.50. €3,238.50 - €1,079.50 = €2,159)

**25.** Fir-rigward tal-multiplier li ghandu jigi applikat, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sentenza John Ransley et vs Edward Restall et tal-10 ta' Mejju 2005:**

"*Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza* ***Butler vs Heard*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.*

*Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza* ***Lambert vs Buttigieg*** *deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:*

*"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."*

*Fil-kawza fl-ismijiet* **Darren Sammut vs Eric Zammit** *deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:*

*"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'multiplier' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti in toto. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*

*Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '***Buttler vs Heard***' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."*

*Il-multiplier adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena* ***Mizzi vs Azzopardi*** *PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena* ***Butler vs Heard*** *App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24* ***Gauci vs Xuereb*** *PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena* ***Camilleri vs Polidano*** *PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42* ***Bonnici vs Gauci*** *PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena* ***Bugeja vs Agius*** *App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena* ***Dalmas vs Ghigo*** *App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena* ***Caruana vs Camilleri*** *App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena* ***Seisun vs Brincat*** *PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17* ***Turner vs Agius*** *App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26* ***Grima vs Penza*** *PA*

*30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.*

*Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].*"

Fid-decizjoni tal-**Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Carmen Borg vs Eric Zammit deciza fil-11 ta' Dicembru, 2013,** il-Qorti kellha dan xi tghid:-

"*Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-chart hawn taht:*

| *Eta' Vittma* | *Multiplier* |
|---|---|
| | *Massimu* |
| *0 - 15* | *35* |
| *16 - 20* | *33* |
| *21 - 25* | *30* |

| | |
|---|---|
| *26 - 30* | *27* |
| *31 - 35* | *22* |
| *36 - 40* | *18* |
| *41 - 45* | *14* |
| *46 - 50* | *11* |
| *51 - 55* | *8* |
| *56 +* | *6* |

"

**26.** Il-Qorti izda tqis, li mid-data tas-sentenza ta' **Butler vs Heard** l'hawn, l-*life expectancy* twalet sostanzjalment tant li dan il-fattur gie rifless f'li twalet l-etá tal-pensjoni u irtirar. Ghaldaqstant, ghalkemm li kif jinghad aktar 'l isfel, il-Konvenut ma tantx jaqbel ma dan, il-Qorti sejra titbieghed mill-principji senjalati fis-Sentenza citata u ser tikkalkula l-multiplier fuq il-hajja lavorattiva rimanenti tal-Attrici, fuq il-medda ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, jigifieri z-zmien li jrid jghaddi biex l-Attrici tilhaq l-etá tal-pensjoni, l-etá ta' hamsa u sittin sena (artikolu 2 tal-Kap. 318).

**27.** Huwa minnu, li s-Socjeta` assiguratrici fin-nota ta' sottomisjonijiet taghha (a` fol 375 ) qed tikkontesta l-multiplier li qed tippretendi l-Attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. L-argument tas-Socjeta' assiguratrici huwa mibni fuq dak li jinghad dwar "chances and changes of life" kif stabbilit fis-**Sentenza Butler -vs- Heard.** Izda jrid jinghad, li fi

zmien li nghatat dik is-Sentenza u cioe' fl-1967, l-aspetattiva tal-hajja kienet dik ta' sebghin (70) sena, mentri llum hija dik ta' tmenin (80) sena. Ghalhekk jekk din il-Qorti tapplika l-multiplier li qed tippretendi l-Attrici fir-rejalta' ikun qieghed jittiehed inkonsiderazzjoni ic-"chances u changes of life" fid-dawl li l-aspettattiva tal-hajja ttawlet b'ghaxar snin.

**28.** Fin-nota taghha l-Attrici tqis l-ghajnuna li taghti lil ohtha bhala 'mpjieg' u qed tirriklama danni ulterjuri f'dan is-sens (a` fol 370 u 371 ). Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-insurance f'dan ir-rigward u tqis li l-ghajnuna li l-Attrici ddecidiet li taghti lil ohtha ma jinkwadrax taht l-artikolu 1045 tal-Kodici Civili (a` fol 374 ). L-Attrici tghin lill-ohtha b'mod volontarju u baqghet tghinha anke wara l-incident. Jirrisulta b'mod car li dawn is-servizzi qed jinghataw "*ex causa familiaritatis*". Jekk minn naha l-ohra, dak li qed taghmel ma' ohtha huwa bi speranza ta' hlas, din hija relazzjoni guridika interna bejnha u bejn ohtha (**ara Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta minn dak in-nhar Magistrat, illum Imhallef, Silvio Meli , fl-ismijiet Carmen Cacciatolo -vs- Mario Tonna pro et tad-9 ta' Novembru 2008**). Huwa minnu li l-presunzjoni hi, li *omnia labor optat premium* izda dan sakemm ma jirrisultax il-kuntrarju, bhal ma huwa fil-kaz mertu tal-kawza.

**29.** Ghalhekk huwa car, li xoghol volontarju ma jistax jigi kunsidrat bhala xoghol bi 'qliegh' fis-sens tal-artikolu 1045 tal-Kap. 16. Huwa evidenti li, sa min qabel ma sehh l-incident, qatt ma kien hemm

pretensjoni ta' hlas mill-Attrici f'hajjet ohtha ghal dan ix-xoghol volontarju. Di fatti l-Attrici ma prezentat l-ebda prova konkreta dwar dhul li hija qed tippretendi li ghandha tircievi minn dan il-volontarjat. Ghaldaqstant l-Attrici ma tistax tippretendi li l-volontarjat m'ohtha ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' likwidazzjoni ta' danni.

**30.** Ghalhekk isegwi li t-telf ta' qliegh futur tal-Attrici ghandu jigi kalkulat kif gej : €2,159 x 28 x 17% = **<u>€10,276.84</u>**

**31.** Skont prattika kostanti, mis-somma kapitali ta' flus bhala kumpens ghat-telf ta' qliegh futur jitnaqqas l-ammont ta' 20% ghal raguni li tali kumpens isir f'daqqa u bil-quddiem ('*lump sum percentage deduction*'). Gie stabbilit izda, li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens ghandu jinghata meta jkun ghadda zmien qasir mill-incident u s-sentenza finali, tant li jekk bejn id-data ta' l-event dannuz u d-data tal-pagament effettiv ighaddu diversi snin, dan it-tnaqqis m'ghandux isehh (ara **Julie Scicluna vs Sammy Meilaq, Qorti Civili Prim' Awla, 16 ta' Lulju 2001**; ara wkoll **Anthony Turner et vs Francis Agius et**, **28 ta' Novembru 2003** fejn il-Qorti tal-Appell osservat li meta bhal dan il-kaz l-azzjoni ddum tkarkar tant li tiehu trapass twil ta' zmien mid-data tal-incident sa meta tinghata s-sentenza finali, dan "ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghal fini ta' 'lump sump payment'").

**32.** Gie ukoll stabbilit li l-Qorti ghandha tibda tqis it-trapass ta' zmien minn meta tigi ntavolata l-kawza u mhux minn dak inhar tal-incident

(**Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri, Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 2004**). Diversi sentenzi stabbilew li minn dan it-tnaqqis ta' 20% ghandu jonqos percentwali ta' 2% ghal kull sena ta' dewmien tal-kawza (ara fost ohrajn **Joseph Abela vs Martin Spagnol, Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Marzu 1993, Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe**, **Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2009**).

**33.** Meta mis-somma titnaqqas percentwali ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena li ghaddiet minn dakinhar li nfethet il-kawza (ossia 7 ta' Novembru 2007) sa dakinhar li tinghata s-sentenza, ma jibqa' l-ebda percentwal x'jitnaqqas. Jinghad ukoll li minhabba l-fatt li diga` ghaddew nofs is-snin tal-multiplier, parti sew mill-kumpens ha jkun inghata b'lura iktar milli bil-quddiem. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkonsidra li m'ghandux isir it-tnaqqis tal-'lump sum payment'.

*Telf attwali*

**34.** Matul il-prosegwiment tal-kawza l-attrici prezentat 4 prospetti ta' danni li jkopru 'spejjez medici' u 'spejjez ohra' subiti mill-attrici fis-segwenti perjodi:

1. Is-sena 2006 u 2007 (a` fol 5) sat-8 ta' Mejju 2009 (ara prospett ta' danni ulterjuri a` fol 111) li komplessivament jammontaw ghal €2,532.17.

2. Mit-12 ta' Lulju 2008 sas-6 ta' Ottubru 2008 (a` fol 211) li jammontaw ghal €198.14.
3. Mis-7 ta' Ottubru 2008 sat-13 ta' Jannar 2009 (a` fol 255) li jammontaw ghal €256.33.

It-total ta' dawn id-danni jammontaw ghal €2,986.64.

**35.** Ma' dawn il-prospetti hemm mehmuz numru kbir ta' ricevuti sabiex jirriflettu c-cifri msemmija fl-istess. Il-prospetti msemmija jinkludu spejjez ta' medicini, konsulti ma' Dr. C. Ellul, Dr. A. Galea Debono, Dr. M. Padovani, Mr. T. Fenech, Mr. R. Aquilina, Dr. A. Ellul, terapija ghand Dr. R. Hornstein, ammont zghir fi *stationery*, kif ukoll saqqu u sodda (skont certifikat mahrug minn Dr. Galea Debono a` fol 109, is-saqqu kien necessarju sabiex inaqqas mill-ugiegh).

**36.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjetá intervenuta fil-kawza Middlesea Insurance Plc, illum Mapfre Middlesea Plc, issottomettiet li "*gia la darba l-kawza giet intavolata fis-7 ta' Novembru 2007, s-socjetá esponenti tissottometti bir-rispett illi dawk l-ispejjez inkorsi mill-attrici wara d-data imsemmija mhumiex rekuperabbli f'dawn il-proceduri. Jekk l-attrici trid tigi risarcita ta' danni li hija tallega li baghtiet wara dik id-data hemm in-necessitá li tistitwixxi l-opportuni prodceduri ad hoc.*" (a` fol 373 ).

**37.** Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Dan il-punt gie riaffermat f'diversi Sentenzi fosthom fis-**Sentenza Baldassare**

**Baldaccino noe vs Anthony Harbone moghtija fil-25 ta' April 2008 fejn il-Qorti tal-Appell** insenjat dan li gej:

*"Il-Qorti tikkondividi r-ragunament ta' din il-Qorti fil-kawza PA[GCD] Albert Scicluna et vs Annetto Farrugia deciza 8 ta' Marzu 2005 li fil-kaz fejn id-dizabilita` permanenti tqieghed lid-danneggjat fil-pozizjoni li dana minhabba id-dizabilita` tieghu jkollu necessarjament jitlob ghajnuna specjali li tkun tiswielu nfieq ta' flus, dan ghandu jigi rimborzat, ghal dawn l-ispejjez. Din il-konsiderazzjoni tissubentra legittimanent fl-ambitu tal-principju tar-restitutio in integru li ghandu bhala bazi tieghu l-hsieb li d-danneggjat jigi indennizzat tad-dannu kkagunat lilu bir-ri-imbors ta' l-ispejjez kollha li necessarjament kellu jaghmel u necessarjament ghad ghandu jaghmel b'konsegwenza ta' l-event dannuz kagunat mill-agir illecitu tad-danneggjant.*

*Izda jigi osservat li anke f'dan ir-rigward jidhol il-fattur tac-chances and changes of life fis-sens li hadd ma jista' jbassar kemm ser ikunu dawn l-ispejjez fil-futur kif ukoll kemm ser idum jghix id-danneggjat."*

**38.** Il-Qorti tqis ghalhekk li ghandhom jigu inkluzi mad-danni attwali dawk l-ispejjez inkorsi mill-attrici wara d-data li fiha giet intavolata l-kawza. Il-Qorti tikkunsidra l-fatt li, skont Dr. Ellul u Dr. Hornstein, id-debilita` sofferta mill-Attrici jirrikjedilha li tiehu pirmli tal-ugiegh u tissottometti ruhha ghal terapija biex tnaqqas l-ugiegh (ara kontro-ezami ta' Dr. Hornstein a` fol 301).

**39.** Irid ukoll jinghad li jistghu jinholqu sitwazzjonijiet, fejn mhux dejjem ikun hemm distinzjoni netta bejn danni attwalment subiti u dawk li jikkonsistu f'telf jew dannu patrimonjali fil-futur. F'dan is-sens huwa interessanti dak li ghid il-**Visintini: "***In definittiva , il danno emergente puo' sempre atteggiarsi come danno emergente e come lucro cessante e l'unica differenza tra i due elementi dal danno sta nel maggiore difficulta' di prova inerente al lucro cessante , con il risultato che questa figura di danno si prestera' piu' facilmente ad essere soggetta ad una valutazione equitativa.*" (ara Ed **Giovanni Visantini Trattato Breve Della Responsabbilita' Civile. Cedam. 1996 pg 512** ). B'applikazzjoni ta' dan it-taghlim kemm tal-awturi u kif ukoll dak gurisprudenzjali fuq imsemmi, il-Qorti qeghdha ghalhekk, *arbitrio boni viri* abbazi tal-principju ta' gustizzja ekwittativa, tillikwida l-ispejjez tal-gejjieni tal-medicini tal-ugigh u t-terapija fl-ammont ta' €1,500. (Ara ukoll f'dan ir-rigward **Vol. XXXV.Pt lll. Pg 615** ).

**40.** Ghaldaqstant id-danni li sofriet l-Attrici f'telf attwali jammontaw ghal **€4,486.64** (€2,986.64+€1,500).

**41.** Isegwi li l-ammont globali ta' danni subiti mill-Attrici jammonta ghal <u>**€14,763.48**</u> (**€10,276.84 + €4,486.64**).

**42.** Fl-ahhar nett, inkwantu jirrigwarda s-Socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. illum Mapfre Middlesea p.l.c. qua intervenjenti fil-kawza, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti fid-**decizjoni fl-ismijiet Alex Azzopardi –vs- Anne Ellul et tad-29 ta' Ottubru, 2010**:-

"*Il-posizzjoni tal-intervenut fil-kawza, a distinzjoni tal-kjamat fil-kawza, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista' jitlob ghall-hlas tal-ispejjez tieghu u anqas jista' jigi kkundannat ghall-ispejjez. L-intervenut ma jistax jigi kkundannat jew liberat, fis-sens li sentenza ma tista' qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u vice versa u normalment ma tistax sentenza tigi esegwita kontra tieghu. L-intervenut hu kkonsidrat li ma hux parti fil-kawza*."

**43.** B'dana ma jfissirx pero` illi l-Qorti ai fini ta' din s-sentenza ma haditx nota tal-intervent u sottomissjoni maghmula mill-istess Socjeta` intervenuta. Ghalhekk fid-dawl ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali l-Qorti ma hi ser taghmel ebda pronunzjament fil-konfront tas-Socjeta` intervenjenti fuq imsemmija hlief ghal dak li ghadu kemm inghad.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**<u>Tilqa'</u>** l-ewwel talba Attrici u tiddikjara lill-Konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-Kawza li sehh fi

Triq Manwel Dimech gewwa Hal Qormi, fis-7 ta' Awissu, 2006 u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofriet l-Attrici;

**Tilqa'** t-tieni talba u tillikwida d-danni dovuti lill-Attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf sebgha mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (**€14,763.48**);

**Tilqa'** t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attrici s-somma hekk likwidata ta' erbatax-il elf sebgha mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (**€14,763.48**) bl-imghax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez tal-Kawza jithallsu kollha mill-Konvenut. Dawk tas-Socjeta` intervenjenti fil-kawza, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata jigu ssopportati minnha.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**